MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' 21 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 101/2002/1

**Volksbank Malta Limited**

**vs**

**Jamel Ariedh**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef u disa’ mitt dollaru Amerika (USD 4,900) li bir-rata ta’ kambju ohjerna jammontaw ghal elfejn, mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm2,227.27), liema somma tirraprezenta self moghti lill-Fishing Boat International Ltd. u garantit mill-konvenut in solidum skond l-iskrittura ffirmata mill-konvenut fit-tmienja t’Awissu tas-sena elfejn.

Bl-ispejjez u interessi sad-data tal-hlas tas-somma kollha, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-16 ta’ Ottubru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici  bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg.